MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 944/2003

**Vodafone Malta Limited**
**vs**
**Neno Trade Limited**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici, fis-13 ta' Mejju, 2003, fejn intalab l-ammont ta' seba' mija u hamsa u erbghin Lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm745.96) dovuti bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru: 99232090.**

**Is-socjeta' konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru presentat kontestwalment u bl-interessi kontra s-socjeta' konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma prezentatx risposta.**

**Sema' lill-Avv. Dr Michael Grech jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.**

**Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' seba' mija u hamsa u erbghin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (LM745.96) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------